# NILBSU 'L GESU' KRISTU

San Pawl, f'kitbietu donnu ma jafx iżomm li ma jagħtix kultant xi ħasda b'dehxa lil dawk li jaqrawh, ukoll lil dawk il-qarrejja l-iktar imħarrġin u msaħħrin mill-qari ta' l-ittri tiegħu. Imbagħdin, kif aħna, mid-dinja li fiha hu għex, mill-ħsebijiet għolja tiegħu u t-tagħlim li kellu, aħna niltaqgħu ta' sikwit ma' tfixkil mhux ċkejken biex nistgħu nifhmu u nfissru kliemu. Xi drami huma l-idejiet wisq għoljin li ma jħallun iex naqbdu fis dak li jgħid u, mhux wisq rari l-każ, li jkunu l-istess kliem tiegħu ta' għejdut hekk tqil għalina li jbarrilna t-triq fil-qari tagħna u, li mill-ewwel daqqa ta' għajn, ma naslu nifhmu, u la għaliex dak il-kliem u, wisq anqas, dak li jsarraf; jekk, għallinqas, m'aħniex biżżejjed imħarrġin bi thejjija sewwa fl-istorja u fl-ilsna tal-Bibbja. U dan nifhmu hu l-każ li għandna quddiemna biex infissru.

Fiż-żmenijiet tal-qedem, wieħed mill-aqwa għorrief fil-Bibbja, kien ħalla bil-miktub:

"*L-ewlenin ħteġijiet għall-ħajja tal-bniedem huma l-ilma u l-ħobż, dar u libsa biex titgħattha l-għera*" (Ekkles. 29, 21).

U San Pawl, bi kliem aktar miġbur, qal: "*Meta għandna l-ikel u l-ilbies, ħa nkunu kuntenti bihom*" (I Tim. 6, 8). L-ilbies, immela, hu fost dawk il-ħwejjeġ meħtieġin għall-ħajja tal-bniedem. U mhux biss il-bniedem għandu jxiddhom biex jilqa' ruħu mill-bard jew mis-sħana, imma wkoll, u fuq kollox, għal dawk is-sentimenti ta' misthija li tiġi mill-għera u minn nuqqas ta' satra, li jħossuh saħansitra wkoll l-istess nies ta' l-Afrika. Jekk, imbagħad, hu tassew li fil-bidu l-ewwel bnedmin "kienu t-tnejn għeriewen u ma kienux jistħu" (Ġen. 2, 25), hu mhux inqas tassew li, wara d-dnub Alla "għamel għar-raġel u għal martu libsa tal-ġild u libbishom" (Ġen. 3, 21).

Il-ġrajja, immela, tal-lbies kellha bidu sa mill-ġenna ta' l-art, bl-ewwel bnedmin Adam u Eva. Il-ftit aħbarijiet li nsibu fil-Bibbja fuq din il-ħaġa, ma jgħinuniex biżżejjed, tabilħaqq, kif imxiet minn żmien għall-ieħor, l-istorja tal-ilbies tal-bniedem li, mill-bqija, ta' ftit jew xejn għajnuna kienet tkun għall-każ tagħna. Dak li l-aktar jinħteġilna hu niġbru xi xhieda, l-aktar li jsarrfu mill-istess Bibbja, biex minn dawn naslu nagħarfu fiż-żgur minn liema għanijiet kienu mmexxija n-nies u l-ġnuż tax-Xerq (orjentali), biex jaqdu għall-ħtieġa bħal din hekk mitluba, wara l-waqa' fid-dnub, mill-istess natura.

U qabel kollox:

a) Jekk aħna nqisu l-qagħda *soċjali* tal-bniedem, aħna naraw li l-ilbies hekk kien sa minn dejjem meqjus bħala ħaġa essenzjali għall-ħajja tal-bniedem, li b'liġi kien miktub li ma tistax tieħu b'rahan il-mantar tal-fqir (Esod. 22, 25-26), kif ukoll il-libsa tal-armla (Deut. 24, 17); waqt li għall-raġel miżżewweġ li kien irid jieħu mara oħra, il-liġi kienet tamarlu, qabel xejn, li jarfa' l-piż għall-ilbies ta' l-ewwel mara (Esod. 21, 10).

U tassew, l-għera u n-nuqqas ta' satra fil-ġisem, kif kien seta' jiġri fil-foqra u fil-ħabsin, kienu meqjusin hekk ħaġa kbira ta' misthija, li mill-Profeti kienu jiġu mheddin lill-

poplu bħala kastig t'Alla (Is. 3, 22; 20, 4; Eżek. 16, 39). U, għal dan, fuq qies t'Alla, li kien ħaseb illibbes biex jgħattu l-għera tagħhom lill-ewwel żewġ bnedmin, u li ma jeħdiex jipprovdi ħobż u lbies lill-foqra u lill-għorba (Deut. 10, 18), il-Profeta Iżaija kien jgħallem li d-Din t'Alla hu msejjes fuq li taqsam ħobżok ma' l-imġewwaħ, li traġġa' lura lil min tilef it-triq tas-sewwa u li tlibbes lill-għarwenin (Iż. 58, 7). Fir-Rabta l-Ġdida, imbagħad, dan hu dmir hekk kbir, li mill-ħarsien tiegħu jiġi magħruf il-veru dixxiplu ta' Ġesù Kristu (Matt. 25, 36; Luq. 3, 1; Ġak. 2, 15).

b) Jekk inħarsu, imbagħad, lejn il-bniedem, *bħala bniedem individwu* l-ilbies, hu hekk marbut mas-sura ta' min ixiddu, li minnu wieħed ikun jista' jagħraf il-personalità tiegħu. Għalhekk, fil-Liġi ta' Mosè hemm miktub: "Mara, lè ma għandha tilbes ilbies ta' raġel, u raġel lè ma għandu jilbes ilbies ta' mara. Min jagħmel hekk ikun mistmerr mill-Kbir Alla" (Deut. 22, 5).

Għal dan insibu wkoll f'xi ġrajjiet storiki tal-Bibbja li t-tibdil tal-ilbies, minn dak ta' raġel għal ta' mara u minn ta' mara għal ta' raġel, hu magħdud bħala gidba (Ġen. 27) u t-tiswir tal-persuna bl-ilbies ta' sura li ma jaqbilx għal dak tal-qagħda tagħha, hu ħaġa ta' bla sens, u dan, jew għaliex dlonk jintagħraf, jew għax ma jilħaqx l-għan tiegħu (I Sam. 28, 8ss; I Reg. 14, 1-6; 22, 30-35).

Fil-kotba tal-Bibbja ma nsibux ħafna fuq kif kienu jilbsu l-Lhud tal-qedem; iżda nistgħu nobsru li l-ilbies tagħhom ma kienx wisq 'il bogħod minn dak li għadhom jilbsu l-lum f'ħafna pajjiżi n-nies tax-Xerq (tal-Orjent) u, l-iżjed, il-bedwini tal-barr, li huma aktar imbegħdin minn dawk tal-Għarb (oċċidentali) u li, għalhekk, aktar imbegħdin mit-taħlit magħhom u milli jirtikbu minn drawwiethom.

L-ilbies tagħhom kien sempliċi ħafna. Għall-irġiel kienet: bħal qmis twila tas-suf jew tal-għażel, mingħajr jew bil-kmiem, imħażżma b'ċinturin ma' qaddhom, u b'fuqha mantar b'għamla kwadra mitfuħ fuq spallej-hom u meħmuż fuq żaqqhom. Għan-nisa, imbagħad, ħarra mill-qmis twila (*galabija*) u l-mantar, ta' għamla oħra minn tar-rġiel u ta' lwien oħra, kien bħala dmir li jġibu star, li minn fuq rashom jinżel ma' daharhom kollu u iżjed 'l isfel ukoll sa riġlejhom. Tneħħi dak li star minn fuq mara lhudija jfisser tneħħilha ġieħha (Num. 5, 18; Iż. 47, 2).

Barra, imbagħad, minn din l-għamla ta' ilbies għan-nisa u għar-rġiel, insibu għamliet oħra li kienu jxiddu biss xi persuni ta' xi qagħda magħżula mill-oħrajn. Tassew, li minħabba n-nuqqas ta' dokumenti ma nistgħux ngħidu fiż-żgur kif kienet l-għamla ta' dawn l-ilbiesi, li minnhom, ma' lewwel daqqa t'għajn, tagħraf ta' liema qagħda soċjali hu l-bniedem. Iżda hu żgur, li bħalma kienet ħaġa ħafifa, li tagħraf sultan minn kull belti ieħor, għani minn fqir, hekk ukoll ma kinetx ħaġa tqila tagħraf persuni oħra mis-sura ta' ilbieshom. U tabilħaqq, għandna xhieda ta' dan l-ilbies *għall-Profeti* (I reg. 1, 8; Żak. 13, 4; Matt. 3, 4); *għall-imġiddmin* (Lev. 13, 45); *għar-romol* (Ġen. 38, 14, 19; Ġudit. 8, 5); *għall-prinċipessi xebbiet* (2 Sam. 13, 18); u saħansitra, *għan-nisa tad-dnub* (Ġen. 38, 14). Fil-liġi ta' Mosè hemm ukoll Kap sħieħ fuq kif għandhom ikunu mfasslin u meħjutin l-ilbiesi tas-saċerdoti (Esod. 28).

Kien hemm ukoll ilbies għal xi ħabtiet, bħallikieku għaż-żwieġ u għall-vistu, li kienu dawn jagħmru bi dmir, qishom biex juru wkoll minn barra l-persuna s-sentimenti ta' ferħ u ta' niket f'xi ħabtiet.

Għall-bniedem tal-Bibbja, immela, l-ilbies hu biċċa mill-persuna li xxiddu, turi l-qagħda tiegħu soċjali jew reliġjuża u turi wkoll b'xi mod is-sentimenti tiegħu ġewwenija. Hekk insibu, li meta Ġjonata ingħaqad ma' David, lilu tah il-mantar tiegħu, u l-libsa ta' suldat: xabla, ark u ċ-ċinturin tiegħu (I Sam. 18, 4), u b'dan wera li joqgħod taħtu u li jrid jiddependi minnu. U meta l-istess David, fl-għar ta' Engaddi, imħajjar u mħeġġeġ minn sħabu s-suldati, qata' lis-sultan Sawl, li kien ifittxu biex joqtlu, biċċa mit-tarf tal-libsa tiegħu, il-Kittieb sagru jgħid, li malli għamel dan, "qalb David riedet tinqasamlu bit-taħbit u beda jgħid: —— Iħarisni Ġjova li narġa' nagħmel ħaġa bħal din lill-Sidi u lill-midluk mill-Mulej!" (I Sam. 24, 6-7). Dan nistgħu nseddquh b'eżempji oħra, iżda biżżejjed huma dawk li naqraw fl-Evanġelju u fl-Atti ta' l-Appostli, fejn xi morda kienu jfittxu li jmissu biss djul il-libsa ta' Ġesù u ta' San Pawl (Matt. 9, 21; 14, 36; Atti 19, 12), b'tama qawwija li minnha toħroġ xi virtù li tfejjaqhom mill-mard tagħhom.

Wara dan li għedna, wieħed dlonk jista' jifhem, kif f'ilsien il-poplu, il-kelmiet "tinża" u "tilbes" u "tarġa' tilbes" mit-tifsir tagħhom rejali u materjali għaddew biex ifissru wkoll ħwejjeġ oħra, l-iżjed, ta' xeħta morali. Hekk il-profeta Iżaija (52, 1) idur fuq Ġerusalem u jgħidilha: "Qum! Qum fuq tiegħek! — Ilbes qawwietek, ja Sijon! — Xidd ħwejġek ta' l-akbar ġmiel u għonja — Ġerusalem, belt imqaddsa! — Għax qatt iżjed ma jiġi fik — Min mhux maħtun jew imniġġes".

U fis-Salm 93, 1 fuq Alla u fuq is-seta' tiegħu rejali, li biha jsaltan u jmexxi d-dinja, jingħad: "Isaltan il-Mulej! — Bil-mantar tiegħu ta' l-Għola; — raġa' mlibbes il-Mulej — gembejh ħażżem bil-qawwa — jmexxi sħieħ id-dinja: — ma tiġġarraf qatt u qatt!"

F'dawn il-każi, kif ukoll f'ħafna oħrajn, fejn il-ħaġa tiġi mxebbha ma' l-ilbies, ifissru s-seta' u l-qawwa; imma ta' sikwit ukoll l-virtù, bħalma hu l-Ħaqq u l-Qdusija (Salm. 132, 9, 16; Ġob. 29, 14; Iżai. 61, 10).

F'dan, imbagħad, jaqbel f'kollox il-Ġdid Testament, fejn il-kelma "libsa" għandha tifsir morali, bħal meta San Pawl jagħti amar lill-Kolossin, għax maħturin minn Alla, qaddisin u maħbubin: "Ilbsu mela", jgħidilhom, "bħala magħżulin ta' Alla, qaddisin u maħbubin tiegħu, sentimenti ta' ħniena, tjubija, umiltà, ħlewwa, sabar; aħmlu 'l xulxin u aħfru . . . . Fuq kollox ilbsu l-imħabba li hi l-qofol tal-perfezzjoni" (Kolos. 3, 12); jew inkella biss "Ilbsu l-umiltà" (I S. Piet. 5, 5). U mhux rari li l-kelma "tilbes" hi magħquda max-xbieha ta' l-armi, li aħna wkoll imdorrijin ngħidu "jixxeddu". Għalhekk, S. Pawl jikteb lir-Rumani (13, 12) "Inħallu mela l-għemil ħażin u nilbsu l-armi tad-dawl". U lill-Efesin: "Ilbsu l-armatura ta' Alla biex tilqgħu t-tnassis tax-xitan . . . . Kunu mela weqfin, ġembejnkom imħażżmin bil-ħżiem tas-sewwa u lebsin il-kurazza tal-ġustizzja, riġlejkom mixdudin bil-qorq" . . . . (Efws. 6, 11-14). U jikteb ukoll lit-Tessalonkin, u jgħidilhom: "Imma aħna, li aħna wlied il-jum, ħa nkunu għajnejna miftuħa,

lebsin il-kurazza tal-fidi u tal-imħabba u l-elmu tat-tama tas-salvazzjoni" (I Tess. 5, 8).

U iżda ta' min jagħti każ mhux ftit għall-għan tagħna, dak li jgħid San Pawl fuq dak li għandu jiġri minn ġisimna fl-aħħar tad-dinja, fuq il-Qawma mill-Imwiet tagħna. San Pawl igħid lill-Korintin: "Ara sa ngħidilkom misterju: aħna mhux ilkoll immutu, imma lkoll nitbiddlu... F'waqt wieħed, f'ħakka ta' għajn, mad-daqq ta' l-aħħar tromba . . . . u l-mejtin iqumu bla taħsir, u aħna nitbiddlu. Għax jeħtieġ li dal-ġisem li jitħassar *jilbes* in-nuqqas ta' taħsir, u dal-ġisem li jmut *jilbes* in-nuqqas ta' mewt" (I Kor. 15, 51-53). Imma aktar igħaddu għalina hawn, jidhrilna, żewġ testi oħra li juru aktar fiċċar it-teżi tagħna, mhux biss imħabba l-kelma "tilbes" fis-sens traslat, imma wkoll imħabba s-sens rejali li għandha.

Fl-ewwel test hu l-istess Appostlu San Pawl, fejn iwissi lill-insara Kolossin, fl-Asja ż-Żgħira, billi jgħidilhom: "Intom inżajtu l-bniedem il-qadim bil-għemejjel tiegħu, u lbistu l-bniedem il-ġdid, li jiġġedded skond ix-xbieha ta' min ħalqu" (Kol. 9, 9-10). Il-kelmiet "tinża" u "tilbes" għandhom x'jaqsmu flimkien u, meta huma waħda wara l-oħra, juru tibdil: tibdil minn barra l-persuna jekk fil-kamp materjali, tibdil minn ġewwa jekk fil-kamp spiritwali. Mela S. Pawl hawnhekk iwissi lill-Kolossin, biex "jinżgħu" jiġifieri, biex ineħħu u jwarrbu kull sura ta' drawwiet ħżiena u ta' vizzji tal-ħajja pagana li qabel kienu fiha u "jilbsu" l-bniedem ġdid li jiġġedded fil-għarfien u fix-xebh tax-xbieha ta' Dak li ħalaqhom.

Ir-rabta bejn dawn iż-żewġ tifsiriet tidher mhux biss mix-xebh ta' bejniethom, imma wkoll mill-fehma qadima u popolari, li meta wieħed ibiddel libsa qadima u jxidd oħra ġdida, kien ikun qisu bniedem ġdid. Fil-Bibbja ta' sikwit niltaqgħu magħha din il-fehma, l-iżjed, bħal meta wieħed jiġi mgħolli xi dinjità (għolja): din tiġi mfissra bit-tibdila tal-libsa tiegħu (Ġen. 41-43; Ester 6, 1; I Makk. 10, 62-63). Twettaqna fl-aħħarnett, f'din il-fehma tagħna l-viżjoni li kellu l-Profeta Żakkarija, fejn ra s-sommu saċerdot ta' żmienu mixli fuq għamil ta' ħażen mix-Xitan, imma jidħol għalih l-Anġlu t'Alla, jneżżgħu minn ħwejġu maħ-



**Ilbies ta' mara Betlemita.**

muġa u jlibbsu b'ilbies ta' siwi kbir u ta' ġmiel, waqt li jgħidlu: "Ara, jiena nneħħilek kull ħażen!" (Żakk. 3, 1-15). Din il-bidla mmela, saret fil-ġewwieni tiegħu, f'qiegħ ruħ Żakkarija, bil-qawwa tas-seta' ta' l-Anġlu; imma, fl-istess waqt, għandha għeliem u dehra minn barra bit-tibdil tal-libsa.

Dan ukoll qisu jiġri l-istess fil-magħmudija, kif ukoll jifhem San Pawl fl-istess test fuq imsemmi (Kolos. 3, 9-10). Waqt li nieżel fl-ilma, il-bniedem jinża' minn ħwejġu u magħhom, bħala għelm, jinża' minn drawwietu kollha ta' pagan (il-bniedem il-qadim). Il-grazzja tal-Mulej tinżel fih u tnaddfu minn ħtijietu. Joħroġ, għaldaqshekk, mill-ilma ġdid f'ruħu, u l-libsa bajda li tingħatalu hija għelm tal-qagħda tiegħu ġdida ta' l-innoċenza u tas-safa li tah il-Mulej.

Imbagħad, żgur, imiss lil dak li tgħammed li jqiegħed u jżomm fis-sod, għal matul ħajtu, il-ġid tar-ruħ li huwa kellu bi u fil-magħmudija, billi jibda jissielet mal-ġibdiet tiegħu qodma, mad-drawwiet ħżiena, biex jibqa' b'qagħdatu fil-grazzja qaddiesa u fil-ġieh ta' nisrani, li fih, kien għollieh il-Mulej. U għalhekk, l-istess Appostlu, mingħajr tlaqlieq, lill-insara ta' Efesu seta' jgħid: "Tinżgħu, għal dik li hi ħajja mgħoddija, il-bniedem il-qadim li qiegħed jitħassar mix-xewqat qarrieqa u tiġġeddu b'tibdila spiritwali ta' ħsibijietkom, u tilbsu l-bniedem ġdid, maħluq skond Alla fil-ġustizzja u l-qdusija tas-sewwa" (Efes. 4, 22, 24).

Hekk, in-nisrani għandu dejjem jissielet biex iżomm dejjem fil-ġieh "il-libsa" tiegħu. Minn naħa l-waħda, m'għandu qatt jarġa' għall-ħajja pagana, li dan, fil-każ, hu tradiment faħxi; minn naħa l-oħra, għandu jqis u jmexxi ħajtu għal dak ix-xebh idejali tal-ġustizzja u tal-qdusija, li huwa ħatar u kkonsagra ruħu bir-rit imqaddes tal-magħmudija.

Issa li wasalna sa hawn, tiġina xi ftit ħafifa t-tifsira ta' *Kif* u *B'liema Fehma* l-istess San Pawl, għall-darbtejn, mar jinqeda b'dawk il-kelmiet "Tilbes 'il Kristu" jew "Tilbes mill-ġdid il-Kristu", li għal x'uħud dehru hekk tqal. (U ta' min jaħseb, qabel xejn, li wkoll f'xi kittieba klassiki jinsabu klimijiet bħal dawn "tilbes ta' xi ħadd", ta' xi persuna storika, u dan biex tfisser: "tilbes jew ixxidd il-maskra ta' dik il-persuna, tirreċta l-parti tiegħu; jew tieħu xbiħietu, tagħmel bħalu, tidħol fis-sentimenti tiegħu u tqisek miegħu, kemm jista' jkun f'kollox). San Pawl, lill-Galatin (3, 27), b'rabta mal-magħmudija, waqt li ried ifehemhom l-għaqda tal-fidili kollha fil-Knisja, jappella għall-magħmudija, u jgħidilhom: "Intom ilkoll ulied Alla bil-fidi f'Ġesù Kristu, għax bil-magħmudija fi Kristu, intom "ilbistu" 'l-Kristu". Darb'oħra, imbagħad, jinqeda b'dil-figura f'kontest morali u f'għamla ta' twissija, igħid lir-Rumani (Rom. 13, 14) "Ilbsu s-Sinjur Ġesù Kristu".

Fl-użu, mela ta' din l-espressjoni nsibu l-istess differenza li diġa għedna fuq: minn naħa l-waħda l-fidili huma diġa meqjusin "libsin 'il Kristu", minn naħa l-oħra, għandhom jissieltu biex "jilbsu 'l Kristu". Niftakru sewwa, li l-magħmudija ma tagħtiniex il-perfezzjoni aħħarija; din jeħtieġ li naqalgħuha bit-tislit tagħna ma' l-għedewwa ta' ruħna biex ma nitniġġsux bid-dnub, u nagħmlu opri tajba u nimmeritaw li tibqa' fina l-grazzja tal-magħmudija. Imma sewwa sew, liema hu t-tifsir eżatt ta' dawk il-kelmiet diffiċli fiż-

żewġ każi? Minn dak li diġa għedna, nifhmu li għandna ngħidu li 1) fil-magħmudija n-nisrani "libes" 'il Kristu, għax daħal fl-atmosfera li, b'xi mod, naqqxet fih li xbieha tiegħu, u bħala mgħaddas u mibdul fih hekk, li sar għal kollox tiegħu, ta' Kristu; 2) madankollu, hu jibqa' fid-dmir li "jilbes" jew iġedded ilbiesu fi Kristu, mhux biss għax jaħtieġlu jissielet u jitqabad biex ma jaqax minn qagħdetu, imma wkoll jaħtieġlu jitħabat u jaħdem skond il-qagħda tiegħu ta' nisrani, li fiha ġie mqiegħed mingħajr mertu tiegħu, mn'Alla, u jfittex b'ħidma u bi bżulija jieħu dik ix-xeħta ta' għemejjel li minnhom wieħed jista' jgħid, li hu jgħix b'vera għaqda, ġewwenija u ħaddemija ma' Kristu Ġesù.

Bis-sewwa kollu, immela, l-Anġelku Duttur ifisser: "Tilbes 'il Kristu" jfisser timita 'l Kristu. Għax, kif il-bniedem hu f'ilbiesu u jidher u jingħaraf minn ilwienhom, hekk f'dak li jimita 'l Kristu jidhru l-opri ta' Kristu. Bis-sewwa kollu, għaldaqshekk, l-Appostlu S. Pawl mar jikteb lid-dixxiplu tiegħu Timoteju: "L-isbaħ u l-aħjar tiżjien għal min għandu f'qalbu l-ħniena huma, sewwa sew, l-opri t-tajba" (I Tim. 2, 10; Ara I Piet. 3, 3-4).

P. SISTI, O.F.M.

# SAN GWANN L-GHAMMIEDI
## JEW
# ID-DORBIES RAGHADI TA' GUDA

Alla, ta' safa minnu u fih innifsu, dawl hekk għammiexi li lejh ħadd ma jista' jħares u, wisq anqas, jersaq, fit-tifsila għall-wetqa tal-Fidwa tad-dinja, wara l-ħtija, sa minn dejjem wettaq ukoll ħsebijietu ta' kull safa, ta' kull dawl, ta' kull dija. Hu, li jitpaxxa qalb il-bjuda tal-ġilji, għażel Omm ta' bla ebda tebgħa: il-Mimlija bil-Grazzja, kollha Qaddisa, Ewlenija u Waħdanija fost in-nisa! Għażlilha bħala sieħeb bniedem safi bi bjuda ta' ġilju mill-aktar ifewwaħ, mimli b'imħabba mill-iżjed imħebba, Ġużeppi; tafa' ħarstu fuq Nazzaret, warda tfewwaħ fil-Galilija, fejn bagħat hemm l-Anġlu tiegħu ħabbâr ta' l-Inkarnazzjoni tal-Verb. Fl-istess waqt, sawwar bħala prekursur tal-Messija l-akbar bniedem, li qatt deher fost l-imweldin minn mara, Ġwanni! Mhux qaddsu biss sa minn ġuf ommu, mhux biss għażillu isem ta' tifsir kbir, mhux biss fassallu l-medda u l-kobor tal-missjoni li kellu jaqdi, imma wkoll qislu l-arblu tar-razza ta' nislu, ġieħ, nobbiltà u qdusija; ġieħ, nobbilta u qdusija sa mill-ġuf, u għalhekk, ġieħ, nobbiltà u qdusija ta' twelid, ġieħ, nobbiltà u qdusija ta' ħajja, ġieħ, nobbiltà u qdusija ta' demm u ta' qraba, u ġieħ, nobbiltà u qdusija ta' ġid.

U l-Battista, l-Għammiedi mnaqqax f'din is-sura bl-iskalpell ta' l-Artista Divin jixref mit-twejqa tad-dinja, "**bħala xitla safja fiż-żmien ta' April, fiż-żiffa ħelwa ta' filgħodu titwarrad bi lwien bojod-roża!**" Ma jkunx, le, xi siġra li togħla, tixxeblek 'l hawn u 'l hinn, mimlija dejjem b'weraq iħaddar, miżgħuda bil-ward abjad ta' riħa li tgħaxxaq u xxoqq il-qalb; ikun iż-